**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 245**
**It-Tlieta, 11 ta' Ġunju, 2024 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - REKLAMI FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17934. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - REKLAMI FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17935. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODOZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - REKLAMI FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17936. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - REKLAMI FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17937. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li qed inqiegħed fuq il-mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - REKLAMI FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17938. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll tipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kienx hemm infieq ta' flus f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - REKLAMI FUQ ONLINE PORTALS - NEFQA**

**17939. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-ammonti ta' flus li ntefqu f'reklami fuq online portals mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru, x'kienu d-dati li fihom ixxandru dawn ir-reklami, kif ukoll jipprovdi l-isem tal-online portal li l-Ministeru xtara r-reklami?

02/04/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 245
11/06/2024

**SPTAR MATER DEI – KAŻIJIET TA' OVERDOSE TA' EROINA**

**18394. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm admissions fl-Isptar Mater Dei minħabba overdose ta' eroina fis-sena 2023?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li matul l-2023, kien hemm 8 każijiet ta' persuni li ddaħħlu fl-Isptar Mater Dei minħabba overdose ta' eroina.

Madankollu, irid jiġi ppreċizzat li dawn il-figuri ma jinkludux dawk il-pazjenti li setgħu ġew inviżtati fid-Dipartiment tal-Emerġenza u għal xi raġuni jew oħra ma ddaħħlux bħala pazjenti fl-iswali tal-Isptar Mater Dei.

Seduta 245
11/06/2024

**PERSUNI BL-AŻMA**

**18395. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm għandna persuni f'pajjiżna li huma diagnosed bl-ażma? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-persuni huma minorenni?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9351.

Seduta 245
11/06/2024

**PERSUNI BL-AŻMA - LOKALITAJIET**

**18396. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jindika permezz ta' persentaġġi, minn liema lokalitajiet ġejjin il-persuni li jbatu bl-ażma?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 9351.

Seduta 245
11/06/2024

**KAŻIJIET TA' SELF-HARM - MINORENNI**

**18397. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti minorenni li kellhom jiġu kkurati minħabba self-harm fl-2023? Jista' jippreżenta wkoll tabella bl-etajiet u l-ġeneru u possibbilment klassifikazzjoni tar-raġunijiet għal din l-imġiba?

15/04/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li n-numru ta' persuni li għandhom 16-il sena jew inqas li attendew id-Dipartiment tal-Emerġenza ta' Mater Dei Hospital fl-2023 minħabba self-harm jew ħsibijiet ta' self-harm jinsab fit-tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Il-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanità Attiva huwa konxju minn dan u għalhekk hu fil-proċess li niedi Starteġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tas-Suwiċidji, liema strateġija tindirizza ukoll din il-qagħda.

Seduta 245
11/06/2024

**TALBIET GĦAL AŻIL LI ĠEW IRRIFJUTATI**

**18398. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni f'Malta li t-talba tagħhom għall-ażil ġiet irrifjutata u jaqsam din l-informazzjoni skont kemm kull persuna (l-immigrant/a) ilu/ilha Malta, (bejn 0 - 5 snin, 6 - 10 snin, 11 - 15-il sena, 16 - 20 sena jew iktar), il-ġeneru u n-nazzjonalità tal-persuna?

15/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li matul is-sena 2023 u 2024 kien hemm 216-il deċiżjoni tal-International Protection Agency fin-negattiv.
Seduta 245
11/06/2024

**TALBIET GĦALL-AŻIL LI ĠEW IRRIFJUTATI - MINORENNI**

**18399. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm minorenni dipendenti fuq l-immigranti li t-talba tagħhom għall-ażil ġiet irrifjutata, u jaqsam din l-informazzjoni skont dawn l-etajiet: 0 - 5, 6 - 10, 11 - 15, 16 - 17?

15/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18398.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**18982. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9105 u jgħid kemm għandu ħaddiema mal-kuntrattur fid-dekasteru tiegħu, u f'liema rwoli?

30/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li hemm 159 ħaddiema tal-kuntrattur jaħdmu f'dan id-dekasteru. Dawn huma ingaġġati f'xogħlijiet ta' tindif, sigurtà, messaġġiera/xufiera, farmaċisti, infermiera u ħaddiema klerikali.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**18983. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12043 u jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

30/04/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**PACEVILLE TOWN MANAGEMENT**

**18984. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 7183 u jgħid jekk il-Paceville Town Management għadux jiffunzjona? Jekk iva, min huma l-membri? Kemm-il darba ltaqgħu l-membri mit-twaqqif tiegħu sena b'sena? Min huwa ċ-Chairperson? X'inhuma t-termini ta' referenza tiegħu/tagħha? Kemm sigħat huwa/hija irid/trid jagħmel/tagħmel u kemm qed jitħallas/titħallas?

30/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 13086 u 16086.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**18985. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 12044 u jgħid kemm nefaq flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista jgħid jekk bagħatx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Jista' jgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

30/04/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - NEFQA FUQ FJURI GĦAL FUNERALI**

**18986. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 12045 u tgħid kemm nefqet flus fi fjuri għal funerali matul is-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista tgħid jekk bagħtitx fjuri lil xi ħadd f'okkażjonijiet oħra u kemm kienet l-ispiża? Tista' tgħid ukoll minn liema parti tal-baġit ittieħdu dawn il-flus?

30/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - ENTITAJIET LI GĦANDHOM CEO**

**18987. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 14449 u tgħid jekk hemmx entitajiet, aġenziji jew awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tagħha li għandhom CEO? Jekk iva, tista' tgħid liema huma u min hu/hi s-CEO? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kuntratt ta' meta ħa/ħadet il-pożizzjoni u tgħid jekk jagħmlux xi xogħol ieħor bħala negozju jew jipprattikaw professjoni privatament waqt li qed jokkupaw il-pożizzjoni ta' CEO?

30/04/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 245
11/06/2024

**VENTILATORS MIT-TURKIJA**

**19176. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk inxtrawx ventilators mit-Turkija?

07/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li f'dawn l-aħħar sentejn, ma nxtrawx ventilators mit-Turkija.

Seduta 245
11/06/2024

**VENTILATORS MIT-TURKIJA**

**19177. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-ventilators li nxtraw mit-Turkija kinux jiswew EUR12,000-il wieħed?

07/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 19176.

Seduta 245
11/06/2024

**VENTILATORS MIT-TURKIJA**

**19178. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jikkonferma li meta bdew jintużaw il-ventilators mixtrija mit-Turkija, l-istruzzjonijiet kif jintużaw kienu bil-lingwa Torka u allura ma setgħux jifhmuhom?

07/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 19176.

Seduta 245
11/06/2024

**VENTILATORS MIT-TURKIJA**

**19179. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-ventilators mixtrija mit-Turkija humiex qegħdin mitluqa fis-sular ta' isfel u ma jistgħux jintużaw peress li l-istruzzjonijiet għalihom huma bil-lingwa Torka?

07/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 19176.

Seduta 245
11/06/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS – TNEĦĦIJA MINN RESIDENZI PRIVATI**

**19180. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18847 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u jgħid x'jiġri mill-materjal meta jinqalgħu tankijiet tal-asbestos minn fuq il-bjut ta' residenzi privati?

07/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 245
11/06/2024

**TANKIJIET TAL-ASBESTOS – PROĊEDURI GĦAR-RIMI**

**19181. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18848 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u jgħid xi proċeduri jintużaw biex jintremew it-tankijiet tal-asbestos?

07/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 245
11/06/2024

**LIĊENZJI MFA U MFB**

**19241. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm liċenzji MFB li qalbu MFA sena b'sena mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru ta' Bastimenti fil-kategorija MFB li qalbu għal MFA, sena b'sena mill-2013 sal-lum, huwa kif jidher fit-tabella segwenti:

| Sena | Bidla fil-Kategorija minn MFB għal MFA |
|---|---|
| 2013 | 10 |
| 2014 | 3 |
| 2015 | 16 |
| 2016 | 6 |
| 2017 | 2 |
| 2018 | 2 |
| 2019 | 9 |
| 2020 | 15 |
| 2021 | 19 |
| 2022 | 7 |
| 2023 | 5 |
| 2024 | 3 |

Seduta 245
11/06/2024

**PITKALIJA – ĦASIL TA' KAXXI**

**19242. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li kemm-il kaxxi kbar u kemm-il kaxxi żgħar tal-pitkalija ilhom ma jinħaslu fuq ġimgħa minn meta qed issir din il-mistoqsija parlamentari?

09/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninsab infumat li minħabba ħsara, il-magna tal-ħasil ġiet imwaqqfa temporarjament sa kemm saru t-tiswijjiet meħtieġa. Però fil-frattemp, ġiet utilizzata magna oħra tal-ħasil li hemm standby. Madanakollu, ġie assikurat li ma jinħarġux kaxxi maħmuġin u għalhekk ġew utilizzati kaxxi nodfa li kienu fl-istore sakemm is-sitwazzjoni reġgħet lura għan-normal.

Seduta 245
11/06/2024

**MALTA U GĦAWDEX - POPOLAZZJONI**

**19243. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet il-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex separatament, kemm dawk b'ċittadinanza Maltija kif ukoll barranija, sena b'sena, mill-2010 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

09/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għal risposta ta' mistoqsija parlamentari 12226.

Seduta 245
11/06/2024

**BIRŻEBBUĠA – SPAZJI PUBBLIĊI**

**19244. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk ġiex identifikat xi spazju fil-Qajjenza, Birżebbuġa biex isir ġnien pubbliku u bandli biex ikunu jistgħu jitgawdew mir-residenti ta' din iż-żona?

09/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15702, inżid li s-sit tal-impjant tal-31 ta' Marzu għadu kemm tneħħa uffiċjalment mil-lista ta' siti meqjusa li jaqgħu taħt ir-regolamenti 'COMAH' (Control of Major Accident Hazards). Dan issa għadda lura għand l-Enemalta li min-naħa tagħha għaddejja bil-proċess tal-applikazzjoni tal-ippjanar biex ikun jista' jinħareġ il-permess neċessarju għax-xogħlijiet għat-tneħħija tat-tankijiet. Ladarba s-sit tneħħa mil-lista msemmija, Project Green telqet bil-preparamenti għar-riġenerazzjoni tal-Pont tax-Shell. Fil-frattemp Project Green, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, identifikat żona żdingata fi Triq l-Għerien, fil-Qajjenza, biex isir spazju għat-tgawdija mir-residenti.

Il-ħidma tagħna biex nagħtu aktar art lura lill-komunità ta' Birżebbuġa tinkludi wkoll id-dekummissjonar tal-impjant ta' San Luċjan biex isir il-proġett tas-Siċċa. Se nagħmlu investiment ta' €40 miljun biex flok impjant għall-ħażna taż-żejt fin-naħa t'isfel ta' Malta jkun hemm proġett sostenibbli ta' 18,000 metru kwadru li se jagħti nifs ġdid lill-akkwati.

Seduta 245
11/06/2024

**ĦAL QORMI - TRIQ CORREA - TINDIF**

**19256. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hemmx possibbiltà li Triq Correa, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

09/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li l-knis fi Triq Correa jsir tliet darbiet fil-ġimgħa, skont l-iskeda fuq il-kuntratt.

Seduta 245
11/06/2024

**ĦAL QORMI - TRIQ IL-VITORJA - TINDIF**

**19257. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara hemmx possibbiltà li Triq il-Vitorja, f'Ħal Qormi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

09/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li l-knis fi Triq il-Vitorja jsir kuljum, skont l-iskeda fuq il-kuntratt.

Seduta 245
11/06/2024

**ĊIRKEWWA AND IMĠARR PASSENGER FERRY TERMINALS - SEJĦA GĦAL E-TICKETING PROJECT**

**19278. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jagħti aġġornament dwar is-sejħa SPD3/2022/065, CFT Title 'Construction, finishing works and commissioning of an e-ticketing project at Ċirkewwa and Mġarr passenger ferry terminals'? Jista' jgħid ukoll meta ser ikunu lesti l-affarijiet kollha mitluba minn din is-sejħa u meta ser tibda topera s-sistema ta' e-ticketing?

13/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-commissioning ta' ticketing system sar f'Jannar ta' 2023. Il-construction and finishing works fit-terminal ta' Ċirkewwa huma pjanati li jsiru matul ix-xitwa li ġejja.

Seduta 245
11/06/2024

**TA' SANNAT - KALKARA TAL-ĠIR – XOGĦLIJIET TA' RESTAWR**

**19279. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar ix-xogħlijiet ta' restawr tal-Kalkara tal-Ġir li hemm maġenb l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat? Jista' jgħid ukoll liema xogħol tlesta s'issa, x'fadal isir u meta hu maħsub li jkun lest ix-xogħol kollu?

13/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Ta' Sannat li rigward ix-xogħlijiet ta' restawr fuq il-Kalkara tal-Ġir, tlesta l-armar tal-iscaffolding u l-preparazzjonijiet oħra tas-sit. Sar ukoll xi remedial work li ntalab isir wara l-ispezzjoni li saret mill-uffiċċjal għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol. Il-Kunsill Lokali qed jistenna l-feedback minngħand il-kuntrattur. Ninsab infurmat ukoll li x-xogħol għandu jitlesta fi żmien sitt xhur.

Seduta 245
11/06/2024

**TA' KERĊEM – TRIQ TA' SPITERI - XOGĦLIJIET**

**19280. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li ser isir ix-xogħol fi Triq ta' Spiteri, f'Kerċem, Għawdex peress li tinsab fi stat ħażin ħafna?

13/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar

Seduta 245
11/06/2024

**SPORTMALTA - DIRECTOR OF HUMAN RESOURCES**

**19284. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'din l-aħħar sena sa meta qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, SportMalta ħarġitx internal call għall-post ta' 'Director of Human Resources'?

Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid:
i. kemm kien hemm applikanti għal dan il-post;
ii. xi kwalifiki kellu kull applikant; u
iii. lil min ingħata dan il-post?

13/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**SPORTMALTA – ĦADDIEMA SECONDED**

**19285. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fil-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm hemm ħaddiema ma' SportMalta li huma seconded u x'kariga għandhom?

13/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – KUNTRATTI MA' KUMPANIJA**

**19292. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti għandu l-Ministeru, u/jew kull entità li taqa' taħtu, mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, kemm jiswa kull kuntratt u b'liema mod ingħata (direct order, tender, quotations, eċċ.)?

13/05/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu m'għandhom ebda kuntratt ma' din il-kumpanija.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – KUNTRATTI MA' KUMPANIJA**

**19293. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti għandu l-Ministeru, u/jew kull entità li taqa' taħtu, mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, kemm jiswa kull kuntratt u b'liema mod ingħata (direct order, tender, quotations, eċċ.)?

13/05/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet tiegħu m'għandomx kuntratti ma' l-kumpanija msemmija.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – KUNTRATTI MA' KUMPANIJA**

**19294. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'kuntratti għandu l-Ministeru, u/jew kull entità li taqa' taħtha, mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, kemm jiswa kull kuntratt u b'liema mod ingħata (direct order, tender, quotations, eċċ.)?

13/05/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħt l-istess Ministeru m'għadhomx kuntratti mal-kumpanija msemmija.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – KUNTRATTI MA' KUMPANIJA**

**19295. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti għandu l-Ministeru, u/jew kull entità li taqa' taħtu, mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, kemm jiswa kull kuntratt u b'liema mod ingħata (direct order, tender, quotations, eċċ.)?

13/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, ma għandha l-ebda kuntratt mal-kumpanija li d-dettalji dwarha ingħataw separatament.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL – KUNTRATTI MA' KUMPANIJA**

**19296. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti għandu l-Ministeru, u/jew kull entità li taqa' taħtu, mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, kemm jiswa kull kuntratt u b'liema mod ingħata (direct order, tender, quotations, eċċ.)?

13/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li r-risposta hija fin-negattiv.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA – KUNTRATTI MA' KUMPANIJA**

**19297. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid x'kuntratti għandu l-Ministeru, u/jew kull entità li taqa' taħtu, mal-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, kemm jiswa kull kuntratt u b'liema mod ingħata (direct order, tender, quotations, eċċ.)?

13/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma ngħata l-ebda kuntratt lill-kumpanija msemmija.

Seduta 245
11/06/2024

**ERA - MONITORING AND ENFORCEMENT SERVICES**

**19311. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għall-ewwel kuntratt (2019) relatat mal-Framework Agreement for the provision of Monitoring and Enforcement Services for the Environment and Resources Authority, tista' l-Ministru tispeċifika kemm ġew ingaġġati persuni permezz ta' dan il-kuntratt, in-numru totali ta' sigħat ta' xogħol li ntużaw u sar ħlas għalihom, u s-servizzi speċifiċi ta' monitoraġġ u infurzar li ngħataw?

13/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li t-tender li qiegħda tirreferi għalih l-Onor. Interpellanta kien ġie kanċellat mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA).

Seduta 245
11/06/2024

**IŻ-ŻURRIEQ - TRIQ KARMNU ŻAMMIT U TRIQ WIED BABU - GARAXXIJIET U POSTIJIET**

**19318. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jelenka, anke permezz ta' pjanti, liema huma l-garaxxijiet u l-postijiet fil-Housing Estate biswit Triq Karmnu Zammit u Triq Wied Babu, iż-Żurrieq li l-Awtorità tal-Artijiet qed tirċievi kera għalihom imma ma tistax tbiegħhom għaliex għadhom ma ġewx akkwistati mill-Gvern, anke jekk inħarġu għall-bejgħ mill-istess Awtorità?

13/05/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Membru jippreċiża d-domanda tiegħu u jispeċifika għal liema garaxxijiet u l-postijiet qed jirreferi.

Seduta 245
11/06/2024

**BEVERAGE CONTAINER REFUND SCHEME**

**19319. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm naqas id-dħul tal-Wasteserv mill-bejgħ tal-materjal riċiklabbli fis-sena 2023 wara li bdiet topera s-sistema tal-Beverage Container Refund Scheme?

13/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-flixken tal-plastic (PET) miġbura mill-Wasteserv fl-2023, meta mqabbel mal-2022, jidher li naqsu b'madwar 51% b'effett tal-BCRS u dawk tal-aluminju naqsu b'madwar 56%.

Is-suq tal-esportazzjoni tal-iskart riċiklabbli huwa suq volatili u fil-fatt il-prezzijiet attwali li qed jiġu offruti huma f'livell baxx ħafna minħabba fatturi esterni, bħal spejjeż għoljin tal-enerġija f'pajjiżi fejn jinsabu l-faċilitajiet finali u żidiet fix-shipping costs. Għalhekk filwaqt li t-tnaqqis fid-dħul stmat ma jistax jiġi kwantifikat, tnaqqis fid-dħul huwa inevitabbli peress li inqas plastik u aluminju taħt l-ambitu tal-BCRS qed jispiċċaw fil-borża griża/ħadra.

Seduta 245
11/06/2024

**WASTESERV - ĦADDIEMA TAL-KUNTRATTUR**

**19320. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm ħaddiema tal-kuntrattur li jaħdmu fil-faċilitajiet tal-Wasteserv, kuntrattur kuntrattur, faċilità faċilità, u grad grad?

13/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-inofrmazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 245
11/06/2024

**ERA - RAPPORTI TA' TAĦLIT TA' SKART**

**19321. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru telenka lista li turi r-rapporti li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) irċeviet dwar operaturi li jiġbru l-iskart u li ħaltu l-iskart jew meta ngabar, jew f'faċilitajiet privati, minn mindu bdiet is-sistema l-ġdida tas-separazzjoni u l-ġbir tal-iskart sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u f'kull każ tgħid x'azzjoni ħadet l-ERA?

13/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li mill-15 t'Ottubru 2023 meta daħal fis-seħħ l-obbligu tas-seperazzjoni mandatorja tal-iskart, sad-data li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) rċeviet tliet rapporti mill-pubbliku dwar taħlit ta' skart minn kolletturi tal-iskart wara li dawn kienu ġabruh. F'dawn il-każijiet ma kienx hemm biżżejjed evidenza li fuqha l-Awtorità setgħet taġixxi.

Kien hemm ukoll tliet każijiet oħra li ġew rappurtati wara sorvlejanza minn uffiċjali tal-ERA minħabba li sar taħlit ta' skart fl-istess kompartament tal-istess vettura. F'żewġ każiijiet minnhom inħarġet multa' ta' €850 f'kull każ, waqt li fil-każ l-ieħor il-multa kienet ta' €1,700. Il-ħlas ta' dawn il-multi għadhom pendenti.

Seduta 245
11/06/2024

**KUNSILLI LOKALI - TIPPING FEES GĦALL-ISKART DOMESTIKU**

**19322. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jelenka lista tar-refunds li l-kunsilli lokali ħadu relatati mit-tipping fees tal-Wasteserv għall-iskart domestiku mill-1 ta' Jannar 2017 sal-1 ta' Mejju 2024 u jaqsam din l-informazzjoni kunsill kunsill u tip tip?

13/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li ma hemmx refunds fuq it-tipping fees li jitħallsu lill-Wasteserv.

Seduta 245
11/06/2024

**TEATRU RJAL - ARLOĠĠI TAD-DAWL IRREĠISTRATI**

**19323. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il arloġġ tad-dawl hemm irreġistrati fuq il-kumpless tat-Teatru Rjal, inkluż il-faċilitajiet kummerċjali mikrija lill-privat?

13/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm arloġġ wieħed tad-dawl li jissuplixxi l-kumpless tat-Teatru Rjal.

Seduta 245
11/06/2024

**TAS-SLIEMA - TICKETING BOOTHS**

**19345. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18640 fejn ġie mitlub jgħid kemm l-Awtorità tal-Artijiet ħarġet permessi għal ticketing booths fix-Xatt Tas-Sliema u peress li l-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija 18492 fejn f'din l-istess tweġiba hemm li hemm 3 ticketing booths biss li huma bil-permess, jista' l-Ministru jgħid x'passi se tieħu l-Awtorità tal-Artijiet fuq dawk id-diversi ticketing booths li huma bla permess?

14/05/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**ENCROACHMENTS**

**19346. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18832 fejn ġejt riferut għat-tweġiba tal-mistoqsija 18492 li fiha ingħatajt lista ta' min għandu encroachment, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra s-site plans tal-encroachment li jkun ma' kull permess ta' KULL min qiegħed fuq din il-lista kif mitlub fil-mistoqsija parlamentari 18834?

14/05/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**KAŻ TA' ENCROACHMENT**

**19347. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18833, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-site plan ta' fejn għandu l-encroachment il-ħanut li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

14/05/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra s-site plan tal-encroachment mitluba.

Seduta 245
11/06/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - PROĊEDURA DWAR ENCROACHMENTS**

**19348. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18835, fejn intqal 'li l-Awtorità tal-Ippjanar toħroġ biss permessi għal użu tal-art', jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura li tintuża biex toħroġ encroachment u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' din il-proċedura?

14/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru ikkonċernat, minħabba l-fatt li l-Awtorità tal-Ippjanar ma toħroġ l-ebda tip ta' encroachments.

Seduta 245
11/06/2024

**STONE MARKER**

**19349. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jagħti lura l-istone marker li tinsab fid-dar privata tiegħu?

14/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 3450.

Seduta 245
11/06/2024

**DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA PUBBLIKA - ABBUŻ TAL-KANNABIS SINTETIKA**

**19350. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18839, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kull pubblikazzjoni li għandu d-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika fuq l-abbuż tal-kannabis sintetika?

14/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba diġà mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 18337.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - KUNTRATTI TA' XOGĦOL**

**19358. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17293, 17646, 17794, 18169 u 18576 u jgħid jekk il-kuntratti li ngħatat il-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament kinux approvati mis-Segretarji Permanenti tal-Ministeru għas-Saħħa bejn l-2014 u 2024?

14/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li s-Segretarju Permanenti attwali ma kellux kuntratti x'japprova tal-kumpanija msemmija.

Seduta 245
11/06/2024

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI - RIFORMA**

**19359. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18661, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument kif mitlub, peress li tħallew barra l-kwalifiċi ta' mill-inqas 10 persuni kif indikat fil-lista tad-dokument li qiegħed l-istess Ministru fit-tweġiba?

14/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li dawk il-persuni li qed issir referenza għalihom f'din il-mistoqsija parlamentari huma General Service Grades hekk kif misjuba fil-Ministeri u Dipartimenti kollha madwar is-Servizz Pubbliku, fejn l-ebda kwalifiki terzjarji ma kienu rekwiżiti tal-impjieg. Madanakollu, u hekk kif indikat fit-tabella li kienet pprovduta, dawn l-impjegati kollha ingħataw it-taħriġ meħtieġ relatat mal-impjiegi tagħhom fid-Direttorat in kwistjoni, sabiex jiġi assigurat li dawn jaqdu l-obbligi preżenti b'mod effiċjenti.

Seduta 245
11/06/2024

**IN-NAXXAR - SKOLA PRIMARJA - SKOLA SAJF**

**19360. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 18658 u jikkonferma li mis-sajf li ġej mhux se jkun hemm SkolaSajf fl-Iskola Primarja tan-Naxxar minħabba li din se titwaqqa'?

14/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**IN-NAXXAR - SKOLA PRIMARJA - POST ALTERNATTIV**

**19361. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari 18654 u 18657, jista' l-Ministru jgħid kif 555 studenti tal-Iskola Primarja tan-Naxxar ser jiġu rilokati fin-Naxxar stess, meta l-Middle School għandha fiha 801 student? Jista' jgħid jekk dawn hux se jitpoġġew fi skola waħda? Jekk iva, dan ifisser li se jsir xogħol biex tikber il-binja tal-Middle School jew qed jirreferi għal xi post ieħor u liema?

14/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**ĊIMITERJU TAL-ADDOLORATA – OQBRA**

**19368. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17198, jista' l-Ministru jgħid jekk sarx jew hemmx il-pjan li jibda l-proċess sabiex jiġu identifikati dawk l-oqbra li huma ssiġillati definittivament u jekk hemmx elenku ta' dawk fejn għal dawn l-aħħar mitt sena ma ġewx użati?

14/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17198, ninsab infurmat li fil-preżent m'hemm ebda pjan li oqbra li huma ssiġillati jiġu identifikati u elenkati.

Dejjem hu preżunt li ġaladarba l-qabar huwa proprjetà privata u x-xewqa tas-sid fl-aħħar testment ikun li ma jintużax iktar, din ix-xewqa tibqa' dejjem rispettata anke jekk il-werrieta jitolbu mod ieħor.

Elenku ta' oqbra li ma ġewx użati f'dawn l-aħħar mitt sena mhux pjanata li ssir fil-preżent.

Seduta 245
11/06/2024

**NOTIFIKA D – PERSUNI REĠISTRATI**

**19369. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni reġistrati taħt in-Notifika D sal-aħħar ta' April 2024 u jindika minn liema pajjiżi?

14/05/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill Onor. Interpellant li mill-bidu tas-sena 2024 sal-aħħar ta' April kien hemm seba' reġistrazzjonijiet ġodda taħt notifika D, mill-pajjiżi li ġejjin:1-Iżvezja, 1-Etjopja, i1-Ġermanja, 1-Awstralja, 1-Irlanda u tnejn il-Portugall.

Seduta 245
11/06/2024

**ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-KBIRA - XOGĦLIJIET**

**19370. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser jiġu jiswew u meta ser ikunu konklużi x-xogħlijiet li qegħdin isiru fi Triq il-Kbira Ħaż-Żabbar?

14/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Triq il-Kbira Ħaż-Żabbar huma previsti li jiġu konklużi fil-ġimgħat li ġejjin. Ix-xogħol hu stmat li ser jiġi jiswa madwar €400,000.

Seduta 245
11/06/2024

**RAĦAL ĠDID – TRIQ U ŻONA TA' SANTA UBALDESCA - RAPPORTI TA' RWEJJAĦ**

**19371. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16615, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx investigazzjoni ulterjuri fir-rigward l-ilment ta' rwejjaħ persistenti fi Triq Santa Ubaldesca Raħal Ġdid?

14/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mhuwiex kompitu tad-Diviżjoni għat-Tindif u Manutenzjoni li tinvestiga każijiet simili.

Seduta 245
11/06/2024

**RAĦAL ĠDID – TRIQ U ŻONA TA' SANTA UBALDESCA - RAPPORTI TA' RWEJJAĦ**

**19372. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16614 jista' l-Ministru jgħid jekk saritx investigazzjoni ulterjuri fir-rigward l-ilment ta' rwejjaħ persistenti fi Triq Santa Ubaldesca Raħal Ġdid?

14/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamenti 16614, ninsab infurmat li d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali baqa' ma rċieva l-ebda lment rigward irwejjaħ persistenti fit-triq indikata jew fit-toroq tal-madwar. Minn wara li saret din il-Mistoqija Parlamentari, uffiċjali minn dan id-Direttorat xorta baqgħu jispezzjonaw din triq u t-toroq tal-madwar iżda fl-ebda ħin qatt ma' ġiet nnutata xi forma ta' riħa.
Ikun opportun jekk il-persuna/i li għandhom dan l-ilment jagħmlu kuntatt mad-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali sabiex possibilment tingħata aktar informazzjoni speċifika dwar dan l-ilment sabiex ikun jista` jiġi nvestigat b'kunfidenzjalita` bħal kull ilment li jidħol għand dan id-Direttorat.

Seduta 245
11/06/2024

**RAĦAL ĠDID – TRIQ U ŻONA TA' SANTA UBALDESCA - RAPPORTI TA' RWEJJAĦ**

**19373. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16613, jista' l-Ministru jgħid jekk saritx investigazzjoni ulterjuri fir-rigward l-ilment ta' rwejjaħ persistenti fi Triq Santa Ubaldesca Raħal Ġdid?

14/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid li f'dawn l-aħħar xhur ma rċieva l-ebda rapport ta' rwejjaħ fl-akkwati msemmija għaldaqstant ma nħassitx il-ħtieġa li jkun hemm investigazzjoni.

Seduta 245
11/06/2024

**REVIŻJONI TAL-PENSJONI**

**19429. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 19190 u jagħti tagħrif dwar kemm-il anzjan jew anzjana kellhom assessjar (reviżjoni) tal-pensjoni tagħhom? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawk li kellhom dan l-assessjar, fil-fatt instab li qed jieħdu dak li huma ntitolati għalih, u li allura mhux ser ikollhom żieda fil-pensjoni tagħhom? Kemm minn dawn il-persuni twieldu qabel is-sena 1962?

15/05/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 245
11/06/2024

**HIRSCHSPRUNG'S DISEASE – GĦAJNUNIET**

**19430. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema benefiċċji soċjali, sussidji eċċ jistgħu jibbenefikaw minnhom dawk il-persuni li għandhom il-kundizzjoni magħrufa bħala Hirschsprung's disease?

15/05/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Parti II tal-Iskeda Ħamsa tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali tipprovdi eliġibilità tal-Għajnuna Medika bla Ħlas lill-persuni li għandhom il-kundizzjoni magħrufa bħala Hirschprung's Disease.

Seduta 245
11/06/2024

**HIRSCHSPRUNG'S DISEASE**

**19431. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ġewwa Malta u Għawdex għandha l-kundizzjoni magħrufa bħala Hirschsprung's disease? Jista' jinforma liema trattament jingħata ġewwa l-Isptar Mater Dei u x'mediċini permezz tal-POYC jingħataw għal din il-kundizzjoni?

15/05/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li bejn l-2000 u l-2021, ġew irreġistrati li twieldu 34 tarbija li kienu dijanjostikati b'Hirschprung's condition ftit wara it-twelid. Din hija rata ta' 3.77 / 10,000 twelid.

Ninsab infurmat li ssir dijanjosi, li tinkludi bijopsija tar-rektum, studji ta' kuntrast u fejn ikun meħtieġ interventi operattivi b'istoloġija ta' backup (stoma, proċeduri ta' pullthrough, injezzjonijiet ta' Botox, ACE). Dawn ikunu segwitu fil-klinika ta' rutina biex tiġi mmaniġġjata l-kontinenza.

Il-mediċini li jingħataw mill-POYC għal din il-kundizzjoni qed jitpoġġew il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 245
11/06/2024

**SPTAR APH**

**19440. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Isptar tal-Annimali APH hux ser ikun parti minn entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru tiegħu? Jekk fl-affermattiv, dan kif ser jaħdem mal-Ministeru li hu nkarigat mill-annimali u l-ħarsien tagħhom?

15/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**SPTAR APH – KUNTRATT**

**19441. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kuntratt mal-operatur eżistenti tal-Isptar tal-Annimali għadux in vigore stante l-fatt li kien ġie ffirmat mill-istess Ministeru tiegħu?

15/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 19445.

Seduta 245
11/06/2024

**KORS TA' VETERINARJU – KWALIFIKI**

**19442. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 19152 u 19158, fejn il-Ministru ta x'jifhem li m'għadux il-Ministru kkonċernat mill-Isptar tal-Ħarsien tal-Annimali, jista' l-Ministru jgħid b'mod formali lil liema Ministeru/Ministru dan ser ikun qed jappartjeni?

15/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 19445.

Seduta 245
11/06/2024

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – TRATTAMENT**

**19443. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'ser ikun qed jiġri mill-annimali midruba residenti fid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali? Jista' jgħid jekk dawn hux se jibqgħu jiġu trattati f'dan l-istess sptar?

15/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-annimali midruba li jinġabru mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali ser ikomplu jingħataw trattamenti fl-Isptar tal-Annimali meta dan jerġa' jibda jopera u kif ukoll jekk ikun hemm bżonn, fi kliniċi oħra skont l-eżiġenzi tas-servizz.

Seduta 245
11/06/2024

**APH ANIMAL HOSPITAL – KUNTRATT**

**19444. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-servizzi u t-tariffi mwiegħda fil-kuntratt preċedenti mal-operatur APH Animal Hospital hux ser jibqgħu l-istess?

15/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 19445.

Seduta 245
11/06/2024

**DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI – SERVIZZ MEDIKU XIERAQ**

**19445. L-ONOR. JANICE CHETCUTI** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta ftehim ser ikun hemm bejn iż-żewġ ministeri differenti biex l-annimali miġbura mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali jingħatalhom servizz mediku xieraq?

15/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li l-konċessjoni oriġinali li kienet fis-seħħ mal-operatur preċedenti ġiet trasferita lill-MCAST, li jaqa' taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, bl-istess kundizzjonijiet, inklużi, u mhux biss, is-servizzi u l-kura veterinarja offruti lid-Dipartiment għat-Trattament Xieraq tal-Annimali.

Seduta 245
11/06/2024

**SAN PAWL IL-BAĦAR – TRASPORT PUBBLIKU – ROTTA 250**

**19454. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19070 dwar rotot tat-trasport pubbliku minn/lejn Mater Dei, jista' l-Ministru jara li l-frekwenza tar-rotta 250 tiżdied, b'mod partikolari fix-xhur tas-sajf meta l-popolazzjoni ta' San Pawl il-Baħar tiżdied sostanzjalment?

16/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ttieħdet nota ta' dan is-suġġeriment għal aktar konsiderazzjoni.

Seduta 245
11/06/2024

**SERQ IRRAPPURAT**

**19455. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19186 dwar serq irrappurtat, jista' l-Ministru jagħti l-istess informazzjoni għall-istess xhur iżda għas-sena 2023?

16/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' serq irrapportat f'dawn il-gżejjer fis sena 2023, separatament għal kull lokalità, kien kif jidher fit-tabella li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. Din tinkludi is-serq skont il-kategoriji kif mitluba mill-Onor. Interpellant.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - SERVIZZI MINN PERSUNA**

**19469. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament qattx tqabbdet biex tagħti s-servizzi tagħha direttament jew tramite kumpanija f'xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu dawn is-servizzi u kemm tħallset tagħhom?

17/05/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li infurmat li l-Ministeru u l-entitajiet li jaqgħu taħtu qatt ma qabdu lil din il-persuna biex tati xi servizz.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI - SERVIZZI MINN PERSUNA**

**19470. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament qattx tqabbdet biex tagħti s-servizzi tagħha direttament jew tramite kumpanija f'xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu dawn is-servizzi u kemm tħallset tagħhom?

17/05/2024

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma l-Onor. Interpellant li r-risposta hija fin-negattiv.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT - SERVIZZI MINN PERSUNA**

**19471. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament qattx tqabbdet biex tagħti s-servizzi tagħha direttament jew tramite kumpanija f'xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tagħha? Jekk iva, tista' tgħid x'kienu dawn is-servizzi u kemm tħallset tagħhom?

17/05/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-persuna msemmija qatt ma tqabbdet biex tagħti s-servizzi tagħha direttament jew tramite kumpanija f'xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħi.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR - SERVIZZI MINN PERSUNA**

**19472. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament qattx tqabbdet biex tagħti s-servizzi tagħha direttament jew tramite kumpanija f'xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu dawn is-servizzi u kemm tħallset tagħhom?

17/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, u l-entitajiet li jaqgħu taħtu, ma ngħataw l-ebda servizz mil-persuna li d-dettalji dwarha ngħataw separatament.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL - SERVIZZI MINN PERSUNA**

**19473. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament qattx tqabbdet biex tagħti s-servizzi tagħha direttament jew tramite kumpanija f'xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu dawn is-servizzi u kemm tħallset tagħhom?

17/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fil-każ tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, r-risposta hija fin-negattiv.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA - SERVIZZI MINN PERSUNA**

**19474. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament qattx tqabbdet biex tagħti s-servizzi tagħha direttament jew tramite kumpanija f'xi entità li taqa' taħt id-dekasteru tiegħu? Jekk iva, jista' jgħid x'kienu dawn is-servizzi u kemm tħallset tagħhom?

17/05/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuna msemmija ma tqabditx biex tagħti s-servizzi tagħha lil xi entità fi ħdan il-Ministeru.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - ENTITAJIET REGOLATORJI**

**19482. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 13504 u ċjoè: Fir-rigward ta' entitajiet regolatorji (irrispettivament mill-mod kif deskritti) li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha, f'kull każ tgħid:
a. Jekk din l-entità għandhiex il-poter skont il-liġi ordinarja li timponi penalitajiet finanzjarji (irrispettivament minn kif deskritti) ta' natura ċivili jew amministrattivi u jekk iva, tgħid kemm hu l-massimu tal-penali li tista' tiġi imposta minn dik l-entità, kemm fuq bażi one-off u/jew għal jum ta' nuqqas ta' konformità u f'kull istanza fejn applikabbli tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi ordinarja li tagħti lil dik l-entità l-poter li timponi tali penalitajiet?
b. Quddiem liema forum ġudizzjarju jew kważi-ġudizzjarju, jistgħu jiġu kkontestati deċiżjonijiet fejn l-entità kkonċernata timponi penali ta' din ix-xorta?
ċ. Jekk kienx hemm u/jew jekk hemmx pendenti kawżi ta' natura kostituzzjonali li fihom intalab li d-dispożizzjonijiet taħt il-liġi ordinarja li jagħtu l-poter li l-entità kkonċernata timponi tali penalitajiet jiġu ddikjarati li jikkostitwixxu ksur tal-Kostituzzjoni b'mod partikolari tal-artikolu 39 tal-istess Kostituzzjoni?

17/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**WSC/T/104/2023 - XOGĦLIJIET**

**19483. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta (xahar u sena) hu ppjanat li jibda x-xogħol relatat mas-sejħa 'WSC/T/104/2023 - WORKS – TRENCHING AND PIPELAYING WORKS IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER BY THE WSC - CONSOLIDATION OF EXISTING NETWORK FOR IMPROVED WATER SUPPLY IN VICTORIA, GOZO'?

17/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li tali xogħol huwa ppjanat li jibda lejn nofs dan is-sajf.

Seduta 245
11/06/2024

**RABAT, GĦAWDEX - TRIQ PAPA ĠWANNI PAWLU II - PROĊESS TA' AĠĠUDIKAZZJONI**

**19484. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jagħti aġġornament dwar is-sejħa 'CT3047/2023 Tender for the structural consolidation and conservation of the aqueduct in Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Rabat, Gozo using environmentally friendly measures', li għalqet fid-19 ta' Diċembru 2023, u jgħid fiex wasal il-proċess ta' aġġudikazzjoni u meta hu maħsub li jingħalaq biex b'hekk ikun jista’ jibda x-xogħol?

17/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-sejħa *'CT3047/2023 Tender for the structural consolidation and conservation of the aqueduct in Triq Papa Ġwanni Pawlu II, Rabat, Gozo using environmentally friendly measures',* li għalqet nhar id-19 ta' Diċembru 2023, għadha fl-istadju ta’ evalwazzjoni.

Seduta 245
11/06/2024

**IL-MOSTA - TRIQ IL-WAQQAFA - PERMESSI BIEX JINFETAĦ ĦAJT DIVIŻORJU**

**19508. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 19169, jista' l-Minsitru jgħid x’permessi relatati kien hemm biex jinfetaħ il-ħajt diviżorju fi Triq il-Waqqafa, il-Mosta, li jagħti għall-istabbiliment kummerċjali li d-dettalji dwaru qegħdin jingħataw separatament?

22/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jidher li l-fetħa li saret fis-sit inkwistjoni, hemm triq li ġiet skemata skont il-mappa tal-Pjan Lokali 2006 MOM2, hekk kif approvata mill-Parlament f’Lulju tal-2006. Il-ftuħ tat-toroq ma huwiex regolat mill-Kap 552 u għalhekk m’huwiex kompitu tal-Awtorità tal-Ippjanar. Għaldaqstant din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru konċernat.

Seduta 245
11/06/2024

**COLLECTOR LICENCE B**

**19563. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li sal-31 ta’ Diċembru 2023 kellhom liċenzja tal-armi fil-klassi ta’ Collector Licence B?

24/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi sal-31 ta’ Diċembru 2023 kien hemm tmien t’elef, mija u tmienja u tmenin persuna (8188), li kellhom liċenzja tal-armi fil-klassi ta’ Collector Licence ‘B’.

Seduta 245
11/06/2024

**COLLECTOR LICENCE A SPECIAL**

**19564. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li sal-31 ta’ Diċembru 2023 kellhom liċenzja tal-armi fil-klassi ta’ Collector Licence A Special?

24/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi sal-31 ta’ Diċembru 2023 kien hemm tlett mija u tnax (312) il-persuna li kellhom liċenzja tal-armi fil-klassi ta’ Collector Licence ‘A’ Special.

Seduta 245
11/06/2024

**TARGET SHOOTER LICENCE A U TARGET SHOOTER LICENCE A SPECIAL**

**19565. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l- MInistru jgħid kemm hemm persuni li sal-31 ta' Diċembru kellhom liċenzja tal-armi fil-klassi Target Shooter Licence A u Target Shooter Licence A Special?

24/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi sal-31 ta' Diċembru 2023 kien hemm sitt elef, erba' mija u sittin (6460) persuna li kellhom liċenzja tal-armi fil-klassi Target Shooter Licence 'A', u tmien mitt persuna (800) li kellhom Target Shooter Licence 'A' Special.

Seduta 245
11/06/2024

**TARGET SHOOTER LICENCE B (AIRGUNS)**

**19566. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li sal-31 ta' Diċembru 2023 kellhom liċenzja ta' Target Shooter Licence B (airguns)?

24/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi n-numru ta' persuni li kellhom licenzja ta' armi tan-nar fil-kategorija 'B' (airguns) sal-31 ta' Diċembru 2023 kien ta' tnax il-elf, u wieħed u erbgħin (12,041).

Seduta 245
11/06/2024

**TARGET SHOOTER LICENCE B (SHOTGUNS)**

**19567. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li sal-31 ta' Diċembru 2023 kellhom liċenzja ta' Target Shooter Licence B (shotguns)?

24/05/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi hemm erbatax -il elf, seba' mija u seba' u tletin (14,737) persuna, li sal-31 ta' Diċembru 2023 kellhom liċenzja ta' Target Shooter Licence B (shotguns).

Seduta 245
11/06/2024

**Ħ'ATTARD - TRIQ IL-QAMĦ - XOGĦLIJIET**

**19568. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta nbeda x-xogħol fuq Triq il-Qamħ, Ħ'Attard u meta ntemm? Kemm kien proġettat li ser jiswew dawn ix-xogħlijiet u kemm effettivament ġew jiswew?

24/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett fi Triq il-Qamħ, Ħ'Attard huwa parti mill-pjan tal-Gvern li jwettaq investiment bla preċedent ta' €700 miljun f'seba' snin biex tiġi msaħħa l-kwalità u s-sigurtà tal-infrastruttura tat-toroq. Infrastructure Malta tibqa' twettaq proġett wara ieħor li jkompli jipprepara lil Malta għal-lum u l-futur; proġetti li gvernijiet ta' qabel l-2013 ma kellhomx ir-rieda u l-viżjoni li jwettaqhom u dejjem ħares band'oħra meta affaċjat bi pressjoni.

Seduta 245
11/06/2024

**BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ – LATRINA PUBBLIKA**

**19638. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi jgħid għaliex il-latrina li qiegħda max-xatt ta' Baħar iċ-Ċagħaq ilha snin ma tinfetaħ u tinsab fi stat tant diżastruż? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx pjan li ssir il-manutenzjoni neċessarja fuqha?

27/05/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 245
11/06/2024

**ŻONI TAL-GĦAWM**

**19641. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista taż-żoni kollha tal-għawm li huma "animal friendly" u dawk li mhumiex? Jista' jgħid jekk iż-żoni li huma "animal friendly" hux ser jiżdiedu, u jekk iva fejn u meta? Jista' jgħid ukoll x'sinjali għandhom jiġu pprovduti biex jiddistingwu dawn iż-żoni?

27/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista taż-żoni kollha tal-għawn hija għal dog friendly u mhux animal friendly. Għaldaqstant, il-lista ta' żoni li huma animal friendly mhiex possibbli li tingħata.

Seduta 245
11/06/2024

**GĦAWDEX - KAMPUS UNIVERSITARJU - STUDENTI**

**19642. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' studenti li kien hemm fil-Kampus Universitarju t'Għawdex matul dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena?

27/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 245
11/06/2024

**GĦAWDEX - KAMPUS UNIVERSITARJU - FONDI GĦALL-ESTENSJONI**

**19643. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kif qegħdin jintużaw il-fondi li kienu allokati għall-estensjoni tal-Kampus Universitarju f'Għawdex?

27/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**GĦAWDEX - KAMPUS UNIVERSITARJU - FONDI GĦALL-ESTENSJONI**

**19644. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kif qegħdin jintużaw il-fondi li kienu allokati għall-estensjoni tal-Kampus Universitarju f'Għawdex?

27/05/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 245
11/06/2024

**TAL-ĦANDAQ - SKOLA MEDJA U SEKONDARJA– ARJA KKUNDIZZJONATA**

**19651. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 18080, jista' l-Ministru jgħid fiex waslu d-diskussjonijiet u meta ser ikun qed jinbeda x-xogħol sabiex il-klassijiet kollha fl-Iskola Medja u fl-Iskola Sekondarja tal-Ħandaq ikunu mgħammra bl-arja kkundizzjonata bħalma kien imwiegħed?

28/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 245
11/06/2024

**KULLEĠĠI F'MALTA U F'GĦAWDEX - ARJA KKUNDIZZJONATA**

**19652. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il unit tal-arja kkundizzjonata twaħħal għal kull Kulleġġ f'Malta u f'Għawdex matul din is-sena kalendarja, jiġifieri minn Jannar tal-2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jelenka l-informazzjoni għal kull skola skont il-Kulleġġ?

28/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 245
11/06/2024

**TELESKOLA/ESKOLA - RENDIKONT FINANZJARJU**

**19653. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jagħti rendikont finanzjarju dettaljat ta' kemm ħallas il-Gvern biex is-sit teleskola ngħalaq u minflok infetaħ eskola?

28/05/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-total ta' spiża li jinkludi s-sapport u t-titolarita tad-domain hu ta' €20,319.60

Seduta 245
11/06/2024

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19670. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W150.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19671. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W189.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19672. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari W153.

Seduta 245
11/06/2024

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000**

**19673. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul Settembru 2023?

28/05/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant, sabiex jirreferi għat tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari W191.

Seduta 245
11/06/2024

**PROJECT GREEN - LISTA TA' PROĠETTI**

**19689. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru telenka lista tal-proġetti kollha ta' Project Green biex siti jiġu riġenerati fi spazji ħodor, li bdew u tlestew, dawk li bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet li għadhom pendenti, kif ukoll dawk li għadhom fi stadju ta' ppjanar u/jew konsultazzjoni? Tista’ tinkludi wkoll informazzjoni meta dawn bdew, meta tlestew (jekk tlestew), f'każ li għadhom pendenti meta huwa mistenni li jitlestew, kemm swew jew se jiswew, il-lokalità u post fejn jinsabu, u deskrizzjoni qasira dwar kull proġett?

30/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 245
11/06/2024

**SPEĊI TA’ GĦASAFAR IMPORTATI**

**19690. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm, matul dawn l-aħħar ħames snin, ġew importati speċi ta’ għasafar, rettili u annimali oħra li huma mħarsa mill-Convention of International Trade of Wild Fauna and Flora (CITES) u għalhekk kellhom bżonn ċertifikati tas-CITES, minn liema pajjiżi ġew importati, ta’ liema speċi kienu dawn, u kemm kien hemm eżemplari minn kull speċi importata?

30/05/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta sabiex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 245
11/06/2024

**ARKIVJAR TA’ TENDERS ANTIKI**

**19691. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista’ l-Ministru jgħid meta ttieħdet id-deċiżjoni biex jiġu arkivjati t-tenders antiki? Jistà jgħid għal liema raġuni ttieħdet din id-deċiżjoni, u għal liema perjodi ta' żmien tapplika tali deċiżjoni?

30/05/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed jiġi mifhum li s-suġġett huwa sejħiet antiki li ġew ippubblikati fuq is-sistema elettronika tal-akkwist pubbliku (l-ePPS – electronic Public Procurement System), li wara ammont ta’ żmien jiġu mmarkati fuq is-sistema bħala “arkivjati”.

Is-sejħiet ippubblikati fuq is-sistema kienu jiġu arkivjati minn mindu ġiet varata din l-istess sistema. Minħabba spazju fuq is-sistema, ġie stabbilit f’Ġunju tal-2014 li dan il-perjodu għandu jkun ta’ sitt xhur wara li s-sejħa tkun ingħatat (l-istatus fuq is-sistema jiġi jaqra “awarded”).
L-informazzjoni pubblika relevanti għal dik is-sejħa kollha tibqa’ tidher, minbarra id-dokumenti li jkunu ġew ippubblikati fil-bidu u tul is-sejħa. Ir-raġuni għal din id-deċizjoni kienet ttieħdet minħabba raġuni ta’ effetività biex iżżomm dokumenti ta’ din il-portata.

Seduta 245
11/06/2024

**IL-FURJANA - MASĠAR TAL-ĠUBLEW - SIĠAR**

**19692. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista’ l-Ministru tgħid jekk il-marki ħomor li jinsabu ma’ diversi siġar fil-Masġar tal-Ġublew, fil-Furjana sarux għal raġuni jew inkella humiex ikkunsidrati bħala att vandalu?

30/05/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata illi minn spezzjoni mwettqa mill-uffiċjali tal-infurzar tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) nhar it-22 ta' Mejju 2024 fil-Masġar tal-Ġublew fil-Furjana, ġie determinat li l-marki ħomor li hemm fuq diversi siġar saru fi snin preċedenti u r-raġuni warajhom mhix magħrufa.

Seduta 245
11/06/2024

**PASSAPORT DIPLOMATIKU MALTI**

**19754. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' persuni li f'dawn l-aħħar għaxar snin kellhom il-passaport diplomatiku Malti, maqsuma sena b'sena?

03/06/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 245
11/06/2024

**IX-XEWKIJA - IMPJANT TAD-DRENAĠĠ**

**19765. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx pjan li l-impjant tad-drenaġġ li hemm fix-Xewkija, Għawdex jiġi estiż?

04/06/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed taħdem fuq pjan ta' tisħiħ tal-impjant għat-tisfija tad-drenaġġ li jinsab fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, mhux fix-Xewkija.

Seduta 245
11/06/2024

**KORRIMENTI TA' TQALA**

**19766. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il korriment ta' tqala (miscarriage) ġew reġistrati fl-Isptar Mater Dei matul is-snin 2020, 2021, 2022, 2023 u 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma separatament minn xulxin?

04/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella.

| Year | Number of Discharge Episodes |
|---|---|
| 2020 | 287 |
| 2021 | 220 |
| 2022 | 217 |
| 2023 | 236 |
| 2024 (January) | 13 |

Seduta 245
11/06/2024

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAUL - INVESTIGAZZJONI**

**19767. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Fid-dawl tal-aħħar sentenza li ngħatat mill-Qorti fejn żewġ carers instabu ħatja li kkaġunaw il-mewt ta' anzjana ta' 101 sena fir-Residenza San Vinċenz de Paul, jista' l-Ministru jgħid jekk ġietx ordnata investigazzjoni biex ikun ivverifikat li kull apparat li qed jiġi użat għall-pazjenti inkluż lifters, hoists, hammocks u slings, huwa fi stat tajjeb? Jista' jgħid ukoll x'inhuma l-miżuri kollha li qed jittieħdu sabiex tiġi protetta s-sigurtà tal-anzjani fir-Residenza San Vinċenz de Paul u biex din it-traġedja ma terġax isseħħ?

04/06/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li fi ftit ġranet wara li sar l-inċident kienet saret investigazzjoni interna fejn fost l-oħrajn ġie stabbilit li l-apparat li kien intużat kien f'kundizzjoni tajba għall-użu.
Hija wkoll prassi normali li kull apparat li jintuża f'San Vinċenz de Paul issir manutenzjoni regolari sabiex ikun ivverifikat li jkun tajjeb biex jitħaddem kemm għas-saħħa ta min ikun qiegħed jużahom kif ukoll għall-anzjani residenti. Fir-rigward tas-'*slings u hammocks',* dawn jiġu spezzjonati kull darba li jiġu r-ritornata l-*Medical Library,* u dawk li ma jkunux tajbin għall-użu jiġu mormija skond proċedura stabbilita.
Minn barra dawn il-proċeduri, f'San Vinċenz kienu ġew introdotti *A Manual-Handling booklet*, għall-użu tal-professjonisti li jaħdmu ġewwa San Vinċenz de Paul, kif ukoll isir *Manual Handling Course* għal carers u Nurses impjegati minn San Vinċenz de Paul u li huwa rikonoxxut mill- *Malta Further & Higher Education Authority* (MQRIC) fuq livell erba' (4) u ħamsa (5).

Seduta 245
11/06/2024

**SEJĦIET INTERNI U ESTERNI F'KULL MINISTERU**

**19799. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ħarġu sejħiet interni u esterni f'kull Ministeru biex jimtlew postijiet (vacancies) fis-settur pubbliku matul April, Mejju u Ġunju 2024? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom imtlew?

05/06/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif mitlub qed jinġabar.

Seduta 245
11/06/2024

**PUBLIC SERVICE EXPO 2024 - NEFQA**

**19800. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm ġiet tiswa l-Public Service Expo 2024 li saret bejn il-15 u d-19 ta' Mejju 2024? Jista' jgħid ukoll kif tqassmet din in-nefqa?

05/06/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-ispiża hija ta' €680,840.38. Din kienet tikkonsisti €490,781.04 fl-istands u merchandise , €95,071.93 f'reklamar, €78,219.65 f'ospitalità, €13,508.76 f'servizzi tal-uffiċċju u €3,259 f'assikurazzjoni, saħħa u sigurtà.

Seduta 245
11/06/2024